

Brussell, 21 ta' Diċembru 2022  
(OR. en)

16296/22

AGRI 733  
AGRILEG 205  
WTO 236

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

|                   |   |
|-------------------|---|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur   |
| data meta waslet: | 20 ta' Diċembru 2022  |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea  |
| Nru dok. Cion:    | COM(2022) 728 final   |
| Suġġett:          | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar ir-rikonnoxximent ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' ekwivalenza fuq prodotti organiċi |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 728 final.

Mehmuż: COM(2022) 728 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 20.12.2022  
COM(2022) 728 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar ir-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' ekwivalenza fuq prodotti organiċi**

## 1. Introduzzjoni

Skont il-qafas leġislativ il-ġdid tal-UE dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi<sup>1</sup>, li beda japplika fl-1 ta' Jannar 2022, prodott li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848 jista' jiġi importat minn pajjiż terz għall-fini tat-tqegħid ta' dak il-prodott fis-suq jekk<sup>2</sup>:

- il-prodott jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti relatati mal-oġġettivi u l-prinċipji tal-produzzjoni organika kif ukoll mar-regoli dwar il-produzzjoni u t-tikkettar tar-Regolament (UE) 2018/848 u l-operaturi kollha kienu soġġetti għal kontrolli mill-awtoritajiet ta' kontroll jew mill-korpi ta' kontroll rikonossuti f'konformità mal-Artikolu 46 ta' dak ir-Regolament, jew
- il-prodott jiġi minn pajjiż terz li huwa rikonossut minn ftehim kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2018/848 li għandu sistema ta' produzzjoni li tissodisfa l-istess oġġettivi u prinċipji bl-applikazzjoni tar-regoli li jiżguraw l-istess livell ta' assigurazzjoni tal-konformità bħal dawk tal-Unjoni (ekwivalenza), jew
- il-prodott jiġi minn pajjiż terz li huwa rikonossut għall-finijiet ta' ekwivalenza skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007<sup>3</sup>.

Dan ir-rapport jipprovdi l-istat ta' applikazzjoni tal-Artikoli 47 u 48 tar-Regolament (UE) 2018/848 rigward ir-rikonossiment ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' ekwivalenza, kif meħtieġ skont l-Artikolu 49 ta' dak ir-Regolament<sup>4</sup>.

Informazzjoni dettaljata dwar l-importazzjoni ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi hija disponibbli fuq: [https://agriculture.ec.europa.eu/cap-my-country/performance-agricultural-policy/studies-and-reports/market-analyses-and-briefs\\_en](https://agriculture.ec.europa.eu/cap-my-country/performance-agricultural-policy/studies-and-reports/market-analyses-and-briefs_en). L-importazzjonijiet totali tal-prodotti agroalimentari organiċi fl-UE laħqu t-2,87 miljun tunnellata fl-2021. Matul l-aħħar 3 snin, il-volumi totali ta' prodotti organiċi importati ma ppreżentaw l-ebda fluttwazzjoni importanti.

Skont il-qafas leġislativ tal-UE, l-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn kwalunkwe pajjiż terz rikonossut huma soġġetti għal kontrolli uffiċjali inklużi kontrolli dokumentarji fuq il-kunsinni kollha, kontrolli tal-identità mwettqa b'mod aleatorju u kontrolli fiżiċi skont il-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità. Kwalunkwe suspett ta' nuqqas ta' konformità jiġi kkomunikat lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat mat-talba li titwettaq investigazzjoni u li jiġi rappurtat l-istatus organiku tal-prodott ikkonċernat. Skont ir-riżultati ta' dan il-proċess, il-prodotti jistgħu jiġu rilaxxati fis-suq bħala organiċi jew le.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

<sup>2</sup> L-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 2018/848.

<sup>3</sup> L-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 2018/848.

<sup>4</sup> L-Artikolu 49 jipprevedi li "sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istat tal-applikazzjoni tal-Artikoli 47 u 48, b'mod partikolari fir-rigward tar-rikonossiment ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' ekwivalenza".

## 2. Ekwivalenzi skont ftehim kummerċjali

Bħalissa hemm tliet ftehimiet bilaterali fis-seħħ bejn l-UE u ċ-Ċili, l-Iżvizzera, u r-Renju Unit, rispettivament. Il-Partijiet jiskambjaw l-informazzjoni regolament, inkluż dwar l-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' superviżjoni tagħhom u dwar aġġornamenti fl-istandards tal-produzzjoni u fil-miżuri ta' kontroll kif ukoll dwar kwalunkwe suspett ta' irregolarità li jista' jinqala' fil-qafas tal-kontrolli mwettqa mill-Partijiet. Ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza maċ-Ċili, l-Iżvizzera, u r-Renju Unit se jiġi aġġornat biex iqis id-dħul fis-seħħ tal-qafas leġislativ il-ġdid tal-UE. Il-pajjiżi terzi kkonċernati ġew infurmati kif xieraq. Ix-xogħlijiet rilevanti huma mistennija li jibdew fl-2023.

Fis-subtaqsimiet li ġejjin tingħata informazzjoni dwar il-ftehimiet bilaterali fis-seħħ bejn l-UE u ċ-Ċili, l-Iżvizzera u r-Renju Unit, rispettivament, inklużi l-kategoriji ta' prodotti kkonċernati u kwalunkwe kjarifika addizzjonali dwar dak ir-rikonoxximent, jekk applikabbli.

### 2.1. UE-Ċili

L-Unjoni Ewropea (UE) u ċ-Ċili kkonkludew ftehim għall-kummerċ ta' prodotti organiċi fl-2017, li daħal fis-seħħ f'Jannar 2018<sup>5</sup>.

L-ambitu ta' dan ir-rikonoxximent, sa fejn huma kkonċernati l-prodotti organiċi importati fl-UE miċ-Ċili u l-prodotti organiċi importati fiċ-Ċili mill-UE, huwa stabbilit fl-Artikolu 4 u fl-Annessi I u II tal-Ftehim:

| Kategorija ta' prodotti   | Rimarki                |
|---|------------------------|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati                                   | Skont il-kodiċijiet NM |
| Għasel  |                        |
| Prodotti tal-pjanti pproċessati biex jintużaw bħala ikel                |                        |
| Materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni |                        |

- Prodotti organiċi importati fl-UE: prodotti agrikoli mhux ipproċessati prodotti fiċ-Ċili u prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel li ġew ipproċessati fiċ-Ċili b'ingredjenti mkabbra b'mod organiku li ġew prodotti fiċ-Ċili jew li ġew importati fiċ-Ċili jew mill-UE jew minn pajjiż terz fil-qafas ta' reġim li huwa rikonoxxut bħala ekwivalenti mill-UE.
- Prodotti organiċi importati fiċ-Ċili: prodotti agrikoli mhux ipproċessati u pproċessati li huma prodotti jew ipproċessati fl-Unjoni.

### 2.2. UE-Żvizzera

Ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza reċiproka huwa stabbilit fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli<sup>6</sup>, l-Anness 9 (dwar prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel prodotti b'mod organiku). Dan evolva matul is-snin.

<sup>5</sup> Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi (ĠU L 331, 14.12.2017, p. 4-18).

It-tabella li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kategoriji ta' prodotti li għalihom l-UE tagħti ekwivalenza lill-Iżvizzera:

| <b>Kategorija ta' prodotti</b>  | <b>Rimarki</b>   |
|---|--|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati                                   | Bl-eċċezzjoni ta' prodotti mkabbra matul il-perjodu tal-konverżjoni  |
| Annimali ħajjin u prodotti tal-annimali mhux ipproċessati               |  |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel                  | Bl-eċċezzjoni ta' prodotti li fihom ingredjent ta' oriġini agrikola prodott matul il-perjodu tal-konverżjoni |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala għalf                 | Bl-eċċezzjoni ta' prodotti li fihom ingredjent ta' oriġini agrikola prodott matul il-perjodu tal-konverżjoni |
| Materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni |  |

Sabiex prodotti organiċi mhux ipproċessati jiġu importati fl-UE mill-Iżvizzera, jeħtieġ li jiġu prodotti fl-Iżvizzera. Il-prodotti agrikoli pproċessati importati fl-UE mill-Iżvizzera jeħtieġ li jkunu ġew ipproċessati fl-Iżvizzera b'ingredjenti mkabbra fl-Iżvizzera jew importati fl-Iżvizzera jew mill-Unjoni jew minn pajjiż terz li għalih l-Iżvizzera rrikonoxxiet li l-prodotti ġew prodotti u kkontrollati f'dak il-pajjiż terz f'konformità mar-regoli ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġislazzjoni Żvizzera. L-istess kundizzjonijiet japplikaw rispettivament għall-prodotti importati fl-Iżvizzera mill-UE.

### 2.3. UE-Renju Unit

L-UE u r-Renju Unit irrikonoxxew b'mod reċiproku l-ekwivalenza tas-sistemi organiċi tagħhom fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni<sup>7</sup> (FKK) iffirmit fit-30 ta' Diċembru 2020, li ilu japplika mill-1 ta' Jannar 2021. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rikonoxximent, sa fejn huma kkonċernati l-prodotti organiċi importati fl-UE mir-Renju Unit u l-prodotti organiċi importati fir-Renju Unit mill-UE, huwa stabbilit rispettivament fl-Appendiċijiet 14-A u 14-B tal-Anness 14 tat-TCA u huwa l-istess:

| <b>Kategoriji ta' prodotti</b>                              | <b>Rimarki</b>  |
|---|-----------------|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati                       |                 |
| Annimali ħajjin jew prodotti tal-annimali mhux ipproċessati | Inkluż l-Għasel |
| Prodotti tal-akkwakultura u algi                            |                 |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel      |                 |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw                 |                 |

<sup>6</sup> Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

<sup>7</sup> Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).

|   |  |
|---|--|
| bħala għalf                             |  |
| Żrieragħ u materjal għall-propagazzjoni |  |

Sabiex prodotti organiċi mhux ipproċessati jiġu importati fl-UE mir-Renju Unit, jeħtieġ li jiġu prodotti fir-Renju Unit. Il-prodotti agrikoli pproċessati importati fl-UE jeħtieġ li jkunu ġew ipproċessati fir-Renju Unit b'ingredjenti mkabbra fir-Renju Unit jew importati fir-Renju Unit f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu. L-istess kundizzjonijiet japplikaw rispettivament għall-prodotti importati fir-Renju Unit mill-UE.

### 3. Ekwivalenzi skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007<sup>8</sup>

Ħdax-il pajjiż terz ġew rikonoxxuti b'mod unilaterali mill-UE bħala li għandhom sistema organika ekwivalenti għas-sistema tal-UE skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007<sup>9</sup>: il-Kanada, Iżrael, il-Ġappun, New Zealand, it-Tuneżija, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti, l-Arġentina, l-Awstralja, il-Costa Rica u l-Indja. Dawn ir-rikonoxximenti jistgħu jkunu biss għal ċerti kategoriji ta' prodotti kif indikat hawn taħt. Il-Kanada, Iżrael, il-Ġappun, New Zealand, it-Tuneżija, ir-Repubblika tal-Korea u l-Istati Uniti wkoll irrikonoxxew b'mod unilaterali li l-UE għandha sistema ekwivalenti għal tagħhom.

Isiru skambji regolari ta' informazzjoni ma' dawn il-pajjiżi terzi, inkluż dwar l-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' superviżjoni tagħhom u dwar aġġornamenti fl-istandards tal-produzzjoni u fil-miżuri ta' kontroll kif ukoll dwar kwalunkwe suspett ta' irregolarità li jista' jiġi identifikat fil-qafas tal-kontrolli mwettqa.

L-aħħar pajjiż terz li ngħata ekwivalenza bbażata fuq l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 kien ir-Repubblika tal-Korea, li ġiet rikonoxxuta għall-prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel fl-2015<sup>10</sup>. Ir-Repubblika tal-Korea tat ukoll ekwivalenza lill-UE bl-istess ambitu.

L-aktar emenda reċenti għal estensjoni tar-rikonoxximent tal-ekwivalenza ta' pajjiż terz abbażi tal-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 kienet relatata mal-Kanada. Fl-2016, ir-rikonoxximent tal-Kanada ġie estiż biex jinkludi l-inbid organiku kif ukoll il-prodotti pproċessati biex jintużaw bħala ikel jew għalf b'ingredjenti organiċi importati<sup>11</sup>. Il-Kanada estendiet ukoll ir-rikonoxximent tagħha tal-UE bl-istess ambitu.

<sup>8</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

<sup>9</sup> Ara l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2325 tas-16 ta' Diċembru 2021 li jstabilixxi, skont ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-lista ta' pajjiżi terzi u l-lista ta' awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll li ġew rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 għall-fini tal-importazzjoni ta' prodotti organiċi fl-Unjoni (ĠU L 465, 29.12.2021, p.8).

<sup>10</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/131 tat-23 ta' Jannar 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jstabilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 23, 29.1.2015, p. 1).

<sup>11</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/459 tat-18 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jstabilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-

Fl-2021, il-Kummissjoni ħadet miżuri fir-rigward tal-ekwivalenza mogħtija lill-Indja. Wara l-identifikazzjoni ta' ammont kbir ta' kontaminazzjoni bi prodotti mhux awtorizzati f'kunsinni li ġejjin mill-Indja, in-nuqqas ta' rispons dwar il-kawżi ewlenin tan-nuqqas tas-sistema ta' kontroll mill-korpi ta' kontroll involuti f'dawk il-kontaminazzjonijiet u l-miżuri korrettivi mhux xierqa meħuda minn dawk il-korpi ta' kontroll u mill-awtorità kompetenti, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett tal-ambitu tar-rikonossiment mogħti lill-Indja, ħames korpi ta' kontroll tneħħew mil-lista ta' korpi ta' kontroll rikonossuti u ssorveljati mill-Awtorità Kompetenti tal-Indja<sup>12</sup>.

Skont l-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2018/848<sup>13</sup>, ir-rikonossimenti ta' dawn il-pajjiżi terzi għandhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2026. Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' dawn il-pajjiżi bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi<sup>14</sup>. Il-11-il pajjiż terz ikkonċernati ġew infurmati kif xieraq u se jinbdew in-negozjati.

Fis-subtaqsimiet li ġejjin tingħata informazzjoni dwar il-11-il pajjiż terz li ġew rikonossuti b'mod unilaterali mill-UE bħala li għandhom sistema organika ekwivalenti għas-sistema tal-UE skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, inklużi l-kategoriji tal-prodotti u kwalunkwe kjarifika addizzjonali dwar dak ir-rikonossiment, jekk applikabbli.

### 3.1. L-Arġentina

| Kategorija ta' prodotti  |   | Rimarki |
|--|---|---------|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati  | A | -       |
| Annimali ħajjin jew prodotti tal-annimali mhux ipproċessati                        | B | -       |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (inbid, ħmira mhux inkluża) | D | -       |
| Materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-                         | F | -       |

Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 80, 31.3.2016, p. 14).

<sup>12</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2325 tas-16 ta' Diċembru 2021 li jstabbilixxi, skont ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-lista ta' pajjiżi terzi u l-lista ta' awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll li ġew rikonossuti skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 għall-fini tal-importazzjoni ta' prodotti organiċi fl-Unjoni (ĠU L 465, 29.12.2021, p.8). Ara b'mod partikolari l-premessa 6 ta' dan ir-Regolament, li ttiprovdi raġunijiet biex il-korpi ta' kontroll ikkonċernati ma jiġux elenkati fl-Anness I tar-Regolament. Ir-Regolament 2021/2325 bħalissa qiegħed jiġi kkontestat fil-qorti fil-Kawża T-123/22 *Ecocert India vs il-Kummissjoni*.

<sup>13</sup> Kif emendat mir-Regolament (UE) 2020/1693 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/848 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu u ta' ċerti dati oħra msemmija f'dak ir-Regolament (ĠU L 381, 13.11.2020, p. 1).

<sup>14</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1345 tat-28 ta' Ġunju 2021 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Arġentina, l-Awstralja, il-Kanada, il-Costa Rica, l-Indja, Iżrael, il-Ġappun, New Zealand, il-Korea t'Isfel, it-Tuneżija u l-Istati Uniti bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi (ĠU L 306, 31.8.2021, p. 2).

|               |  |  |
|---------------|--|--|
| kultivazzjoni |  |  |
|---------------|--|--|

Oriġini: prodotti tal-kategoriji A, B u F li tkabbru fl-Arġentina u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fl-Arġentina b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fl-Arġentina.

### 3.2. L-Awstralja

| Kategorija ta' prodotti  |   | Rimarki  |
|--|---|--|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati  | A |  |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (inbid, ħmira mhux inkluża) | D | Komposti essenzjalment minn ingredjent wieħed jew aktar li joriġinaw mill-pjanti |
| Materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni            | F | -  |

Oriġini: prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru fl-Awstralja u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fl-Awstralja b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fl-Awstralja.

### 3.3. Il-Kanada

| Kategorija ta' prodotti   |   | Rimarki |
|---|---|---------|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati                                   | A | -       |
| Annimali ħajjin jew prodotti tal-annimali mhux ipproċessati             | B | -       |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel                  | D | -       |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala għalf                 | E | -       |
| Materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni | F | -       |

Oriġini: prodotti tal-kategoriji A, B u F li tkabbru fil-Kanada u prodotti tal-kategoriji D u E pproċessati fil-Kanada b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fil-Kanada jew li ġew importati fil-Kanada f'konformità mal-leġiżlazzjoni Kanadiża. L-UE ngħatat possibbiltajiet simili għall-esportazzjoni ta' prodotti organiċi.

### 3.4. Il-Costa Rica

| Kategorija ta' prodotti   |   | Rimarki                              |
|---|---|--------------------------------------|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati   | A |                                      |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (inbid u ħmira mhux inklużi) | D | Prodotti tal-pjanti pproċessati biss |
| Materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni             | F | -                                    |

Oriġini: prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru fil-Costa Rica u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fil-Costa Rica b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fil-Costa Rica.

### 3.5. Iżrael

| Kategorija tal-prodotti jew prodotti  |   | Rimarki  |
|---|---|--|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati   | A | -  |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (inbid u ħmira mhux inklużi) | D | Komposti essenzjalment minn ingredjent wieħed jew aktar li joriġinaw mill-pjanti |
| Materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni             | F | -  |

Oriġini: prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru f'Iżrael u l-prodotti tal-kategorija D ipproċessati f'Iżrael b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku f'Iżrael jew li ġew importati f'Iżrael jew mill-Unjoni jew minn pajjiż terz fil-qafas tiegħu ta' reġim li huwa rikonoxxut bħala ekwivalenti f'konformità mal-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

Fl-2016, Iżrael ta lill-UE rikonoxximent għall-prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati u għall-materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u ż-żrieragħ għall-kultivazzjoni kif ukoll għall-prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel magħmul essenzjalment minn ingredjenti li joriġinaw mill-pjanti ċċertifikati bħala organiċi f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

### 3.6. L-Indja

| Kategorija tal-prodotti jew prodotti                                    |   | Rimarki |
|---|---|---------|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati                                   | A | -       |
| Materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni | F | -       |

Oriġini: prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru fl-Indja.

### 3.7. Il-Ġappun

| Kategorija ta' prodotti   |   | Rimarki  |
|---|---|--|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati                                       | A | -  |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (inbid mhux inklużi) | D | Komposti essenzjalment minn ingredjent wieħed jew aktar li joriġinaw mill-pjanti |

Oriġini: prodotti tal-kategorija A li tkabbru fil-Ġappun u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fil-Ġappun b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fil-Ġappun jew li jkunu ġew importati fil-Ġappun jew mill-Unjoni jew minn pajjiż terz li għalih il-Ġappun ikun irrikonoxxa li l-prodotti ġew prodotti u kkontrollati f'dak il-pajjiż terz f'konformità ma' regoli ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża. L-UE ngħatat possibbiltajiet simili għall-esportazzjoni ta' prodotti organiċi, u l-operaturi tal-UE jistgħu jużaw ingredjenti importati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE.

### 3.8. Ir-Repubblika tal-Korea

| Kategorija ta' prodotti                                |   | Rimarki |
|--|---|---------|
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel | D | -       |

Oriġini: prodotti tal-kategorija D ipproċessati fir-Repubblika tal-Korea b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fir-Repubblika tal-Korea jew li jkunu ġew importati fir-Repubblika tal-Korea jew mill-Unjoni jew minn pajjiż terz li għalih ir-Repubblika tal-Korea tkun irrikonoxxiet li l-prodotti ġew prodotti u kkontrollati f'dak il-pajjiż terz f'konformità ma' regoli ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Korea. L-UE ngħatat possibbiltajiet simili għall-esportazzjoni ta' prodotti organiċi.

### 3.9. New Zealand

| Kategorija ta' prodotti   |   | Rimarki |
|---|---|---------|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati                                       | A | -       |
| Annimali ħajjin jew prodotti tal-annimali mhux ipproċessati                 | B | -       |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (ħmira mhux inkluża) | D | -       |
| Materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni     | F | -       |

Oriġini: prodotti tal-kategoriji A, B u F li tkabbru fi New Zealand u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fi New Zealand b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fi New Zealand jew li jkunu ġew importati fi New Zealand jew mill-Unjoni, jew minn pajjiż terz fil-qafas ta' reġim li huwa rikonoxxut bħala ekwivalenti f'konformità mal-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, jew minn pajjiż terz li r-regoli tal-produzzjoni u tal-ispezzjoni tiegħu ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti minn New Zealand, u dment li jiġu importati biss l-ingredjenti prodotti b'mod organiku maħsuba biex jiġu inkorporati fil-prodotti tal-kategorija D, sa massimu ta' 5 % tal-prodotti ta' oriġini agrikola, imħejjija fi New Zealand. L-UE ngħatat possibbiltajiet simili għall-esportazzjoni ta' prodotti organiċi.

### 3.10. It-Tuneżija

| Kategorija ta' prodotti   |   | Rimarki  |
|---|---|--|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati   | A | -  |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (inbid u ħmira mhux inklużi) | D | Komposti essenzjalment minn ingredjent wieħed jew aktar li joriġinaw mill-pjanti |
| Materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni             | F | -  |

Oriġini: prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru fit-Tuneżija u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fit-Tuneżija b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fit-Tuneżija.

### 3.11. L-Istati Uniti

#### Kategoriji ta' prodotti

| Kategorija tal-prodotti jew prodotti                                    |   | Rimarki |
|---|---|---------|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati                                   | A | -       |
| Annimali ħajjin jew prodotti tal-annimali mhux ipproċessati             | B | -       |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel                  | D | -       |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala għalf                 | E | -       |
| Materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni | F | -       |

Oriġini: prodotti tal-kategoriji A, B u F u l-ingredjenti mkabbra b'mod organiku fil-prodotti tal-kategoriji D u E li tkabbru fl-Istati Uniti, jew li jkunu ġew importati fl-Istati Uniti u pproċessati jew ippakkjati fl-Istati Uniti f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Istati Uniti. L-UE ngħatat possibbiltajiet simili għall-esportazzjoni ta' prodotti organiċi.